**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR36/VIII/2022**

**Il-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu 2022**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ġimgħa, 5 ta'Awwissu 2022, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier

**SKUŻATA:-**
Is-Sinjorina Maria Portelli – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**56.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**36.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru Portelli.

**36.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

36.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 35 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

36.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

36.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

**36.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

36.4.1 Rigward l-*updrading* tal-*playing field* ta' Triq taħt Putirjal, il-membri ġew mgħarrfa li nħarġet sejħa għall-stima:- Quot. No. VLC/03/2022 – *Development of a concept design for the upgrading of Victoria Playing Field.* Din tagħlaq fil-11 ta' Awwissu 2022. Il-membri qablu li l-bord ikun iffurmat mis-Sindku, mis-segretarju Eżekuttiv u minn William Sultana.

36.4.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li kellu komunikazzjoni mal-enġinier tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fir-rigward tas-servizzi ġodda li qed jagħmlu fi Triq Sir Luiġi Camilleri. Is-Sindku talab li jsir ir-*re-surfacing* kollu tat-triq peress li wara x-xogħolijiet li saru t-triq m'għadiex fi stat tajjeb u hemm ħafna ħsara maż-żewġ naħħat. Il-Korporazzjoni qed issostni li trid tiksi biss it-trinek li għamlet, pero' l-kuntratt li nħareġ ikopri l-kisi tat-triq kollha.

36.4.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li minn naħa tal-Oratorju Don Bosco ġie aċċettat li ssir l-attivita' kulturali bl-isem *Vicky to Victoria* (li għadu isem proviżorju għal din il-produzzjoni teatrali). Il-membri qablu li din issir qrib iċ-ċelebrazzjonijet ta' Jum il-Belt Victoria.

**36.5 Mistoqsijiet mill-Kunsillieri**

36.5.1 Il-Kunsillier Buttigieg qal li l-aħħar laqgħa hu kien skużat u ssemma ismu. Sostna li jekk xi membru għandu xi jgħidlu, jgħidu fil-preżenza tiegħu sabiex hu jwieġeb. Ħadd ma staqsa xejn.

36.5.2 Wara li saret *site inspection* fir-rigward tas-sistema ta' CCTV *cameras* fil-*housing estate* taċ-Ċawla, il-kuntrattur għarraf lill-Kunsill li għall-ewwel tlett *cameras* l-prezz ser jibqa l-istess. Fuq ir-raba' *camera* hemm spiża iktar peress li ser tkun tkopri *area* ikbar. Barra minn hekk, kif sar mal-*camera* tal-*bring-in site* fil-parkeġġ il-kbir, ser tiżdied l-ispiża sabiex il-*cameras* ikollhom *4G transmission*. Dan kollu dokumentat fil-*boq* tal-kuntrattur. Il-membri qablu.

36.5.3 Ġew imressqa kontijiet tad-dawl u ilma tal-latrini tar-Rabat. Dawn resqu wkoll f'laqgħat ta' Kunsilli preċedenti. Dawn il-kontijiet m'humiex f'isem il-Kunsill tar-Rabat u huma f'isem l-Environment Department Gozo, Ministry for Gozo. Il-latrini mhumiex devoluti lill-Kunsill u l-Kunsill jieħu ħsieb il-manteniment tagħhom u s-servizz lill-pubbliku ta' kuljum. Il-membri qablu li jintalab il-parir tal-Avukat jekk dawn il-kontijiet għandhomx jintbagħtu lura.

**36.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

36.6.1 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward Ċirkulari SPI/SCI/7/2022 – Espressjoni ta' Interess *World Cleanup The World Campaign* 2022;

36.6.2 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward Ċirkulari SPI/SCI/8/2022 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022;

36.6.3 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward Ċirkulari mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-tfal;

36.6.4 ir-Reġjun Għawdex rigward dettalji tal-persuni nominati mill-Kunsilli Għawdxin fil-kamp tal-Kultura. Ir-rappreżentant tal-Kunsill tar-Rabat hu l-kunsillier Ħili;

36.6.5 l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali rigward Cir/AKL 2022/072 - *European Week of Regions and Cities – Brussels Oct 2022*. Is-Sindku qal li hu u l-kunsillier Ħili applikaw biex jipparteċipaw f'din l-attivita';

36.6.6 l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar reviżjoni fil-*policy* taċ-ċimiterji;

36.6.7 Grech & Grech Associates li kitbu għan-nom tal-konjugi Bartoli fejn ilmentaw fir-rigward ta' pajp tal-ilma li sar fuq il-bakina minn sid id-dar 101 fi Triq Vajrinġa u li sar b'tali mod li jitfa' l-ilma fuq il-propjeta' tagħhom. Il-Kunsill kien qabel li jgħolli l-bankina sabiex tgħatti l-pajp. Il-membri qablu li l-Avukat tal-Kunsill jirrispondi din l-ittra u jsostni li l-pajp ma sarx mill-Kunsill u li qabel titkompla l-bankina, sid id-dar 101 għandu jqabbad Perit li jara li jsir kollox kif suppost. Wara l-Kunsill ikun jista' jkompli l-bankina;

36.6.8 Joseph N. Attard li bagħat kopja ta' ittra li bagħat lill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex rigward il-bdil tal-isem *Exchange Junction* biex tieħu l-isem ta' ħuħ Anton F. Attard;

36.6.9 id-Direttur ta' Gatt Group of Companies fejn qed jibgħat *statement* bl-imgħaxx ta' kontijiet li hu qed jgħid li huma dovuti mill-Kunsill. Fosthom hemm kontijiet li ntbagħtu sew wara li kien ingħalaq il-proġett tal-ERDF. Il-Kunsill ma kienx qabel li dawn jitħallsu. Il-membri qablu li f'dan l-istat għandha ssir laqgħa mal-avukat tal-Kunsill sabiex din il-kwistjoni tiġi riżolta.

36.6.10 sid id-dar 'Marisa' fi Triq il-Wied ta' Żejta fejn ilmenta bix-xogħol li għamlu l-ħaddiema tal-Gvern fejn marru jaqtgħu il-ħaxix ħażin fis-*soft areas* ta' din it-triq. Il-membri ġew infurmati li ntbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill u anke' l-kennies tal-Kunsill sabiex inaddfu din l-*area* kif suppost;

36.6.11 sid id-dar 138 fi Sqaq Nru. 1 fi Triq Vajringa fejn tressaq ilment li fl-isqaq qed jidħlu persuni li jkunu fis-sakra u jorqdu fl-art u fuq l-għatba tad-dar. Il-Kunsill ta l-parir li jsir rapport mal-Pulizija. Tressaq ukoll ilment li l-isqaq ma jitnaddafx kemm suppost;

36.6.12 Charles Beżżina fejn bagħat kif għandha tkun il-lapida l-ġdida tal-vittmi tal-gwerra fi Pjazza Savina. Il-membri qablu li din issir u tinkixef qrib iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Belt Victoria;

36.6.13 il-*Project Manager* ta' *The Cast-Out Project* li jieħdu ħsieb *clean-ups*. Issuġġeriet li jitnaddaf il-ħajt li hemm taħt il-grawnd Leli Farrugia fuq wara ta' *The Duke*. Talbet sabiex l-*area* tinżamm mingħajr vetturi sakemm issir il-*clean-up*. Il-membri qablu.

**36.7 '*New Energy efficient lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo'*. LCF/16/2020 – *update***

36.7.1 Id-Development Planning Fund (DPF) fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) bagħtet ir-risposta tagħha fuq il-kjarifika li ntbagħet mill-Enginiera li ċċertifikaw ix-xogħol, fir-rigward tal-*comfort diffuser* tal-fanali. Il-fondi tal-PA huma bbażati fuq il-kuntratt li jkun ġie ffirmat. Fil-kuntratt hemm speċifikament li d-*diffuser* irid ikun trasparenti. L-Awtorita' kellha tiġi nfurmata bil-varjazzjoni minnufih waqt il-proċess. Il-PA qed tissuġġerixxi li jinbiddlu d-*diffusers* qabel jiġi finalizzat il-proċess u jsir il-pagament.

**36.8 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar – *update***

36.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret *site inspection* minn rappreżentanti tal-ERA fejn miegħu kien hemm preżenti l-Perit Scerri u Rudolph Cauchi l-kuntrattur li ser jirrestawra dawn l-istatwi. Sar *scaffaolding* ma l-ewwel statwa ta' Pjazza Santu Wistin u x-xogħol ser jinbeda fil-ġranet li ġejjn.

**36.9 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) ħarġet il-permess għall-:-

36.9.1 *double yellow line* mal-garaxx ta' 'City Point', Flat 2, Triq Karlu Galea;

36.9.2 *smart parking displays* u *parking sensors* fi Triq Fortunato Mizzi u Triq Repubblika;

36.9.3 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' għal sena quddiem 52, Triq Repubblika. Il-membri qablu li titranġa għatba żgħira biex il-bankina tkun aktar aċċessibli għal min juża s-siġġu tar-roti u jagħmel użu minn dan il-parkeġġ;

36.9.4 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' għal sena quddiem 48, Triq Kapuċċini.

<u>Korrispondenza relatata mat-traffiku</u>

36.9.5 Intalab permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 36, Triq Mons. Ġużeppi Farrugia. Għandha timtela l-formola rikjesta u jiġi nnutat li f'din it-riq m'hemmx parkeġġi.

36.9.6 Dwar is-suġġeriment ta' *road hump* fi Triq Pompei, ir-resident li qed jissuġġeriha, aċċetta li titpoġġa quddiemu. Billi faċċata ta' din id-dar m'hemmx djar residenzjali , il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex issir din ir-*road hump*.

36.9.7 Rigward it-tneħħija tal-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' quddiem 83, Triq Santa Marija, il-membri ġew mgħarrfa li dan tneħħa minn TM. TM avżat lill-Kunsill li din tneħħiet peress li min kien applika għaliha miet u jekk hemm min irid jużha jrid japplika għaliha. Sadanittant il-Kunsill irċieva korrispondenza minn resident ieħor li qed jgħid li din kien jużha hu u residenti oħra li għandhom il-*blue sticker*. Il-membri qablu li dan ir-resident għandu jiġi mgħarraf biex japplika għall-kaxxa tal-persuni b'diżabilita' kif qed jissuġġerixxu minn TM.

36.9.8 Tressqet talba minn *Abela Pharmacy* sabiex isir *pedestrian crossing* fi Triq Gorg Borg Olivier. Il-propjetarji tal-ispiżerija aċċettaw li ssir quddiem l-ispiżerija. Il-membri qablu li jitqabbad Perit sabiex iħejji pjanta tar-*road markings* kollha li hemm bżonn isiru f'din it-triq u għaldaqsant jiġi ordnat ukoll *survey* tat-triq biex ikun jista' jsir dan.

**36.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

36.10.1 Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2022 skond dokument A anness.

### 36.11 Xogħlijiet oħra

Il-membri qablu li:-

36.11.1 titranġa l-bankina ta' quddiem 17, Triq Sir Arturo Mercieca minħabba li tkissret bi krejn;

36.11.2 jinbidel bank fi Triq il-Belliegħa peress li dak eżistenti inkiser.

### 36.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:00 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, l-Erbgħa, 7 ta' Settembru, 2022.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri<br>Sindku | Miriam Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |